jiktbilna s-Surmast Onorarju PHILIP GATT, F.L.C.M., A.R.C.M.

# Il-Banda Dekana L'Isle Adam.

Kien għall-ħabta ta' nofs Jannar 1978, meta għall-ħabta tat-8.00 p.m. ċempel it-telephone. Irrispondejt u nzertat telefonata għalija; staqsejt min kien u qalli li kien Joe Galea tal-Banda L'Isle Adam. Staqsejtu fiex stajt naqdih. Staqsieni jekk kellix il-pjaċir inħabbat il-Banda L'Isle Adam. Billi Mro. Ant. Muscat Azzopardi dak iż-żmien kien ma jiflaħx. Jien ħsibt li kien hemm xi programm biex nieħu ħsiebu u għalhekk staqsejt lis-Sur Galea meta kien se jsir il-programm; iżda r-risposta kienet li lili riduni biex nieħu ħsieb it-treġija tal-Banda L'Isle Adam f'idejja; qalli wkoll li kellha tiġi delegazzjoni d-dar tiegħi biex tkellimni. Id-delegazzjoni ġiet u wara xi tlett ijiem irċevejt ittra fejn ġejt mgħarraf li jien ġejt maħtur Surmast/Direttur tal-Banda L'Isle Adam. Fil-fatt l-ewwel dehra tiegħi mal-Banda L'Isle Adam kienet ix-xahar ta' wara fil-Belt fejn il-banda kellha servizz għall-Festa ta' San Pawl.

Bħal ma jaf kulħadd, f'Settembru tas-sena l-oħra, kelli kontra qalbi nirriżenja minn din il-kariga. Għaddew tmien snin; ma tantx kien żmien twil iżda kien żmien ta' preġju kbir fil-ħajja ta' din il-banda.

Is-soltu tliet servizzi prinċipali ta' din il-banda, Festa ta' San Ġużepp, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Immarja ma naqsux li bħal fl-imgħoddi jkunu mill-aqwa, iżda fl-1982 faqqet sajjetta; ġie mniedi l-ewwel KONKORS għall-Baned Maltin mill-Ministeru tal-Kultura. B'determinazzjoni dħalna għal dan il-konkors. Konna sitt baned: Banda Prince of Wales tal-Birgu, Banda La Stella tal-Gudja, Banda Żejtun, Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, Banda Annunzjata u aħna, il-Banda L'Isle Adam. Ippreparajna l-programm b'sagrifiċċji u determinazzjoni, ħdimna u stinkajna sa ma wasal il-jum tal-11 ta' Diċembru 1982 (it-tieni jum tal-konkors). L-entużjażmu li kien hemm fit-Teatru Manoel f'dak il-jum kien ta' l-għaġeb. L-opinjoni pubblika kienet waħda unanima "il-Banda L'Isle Adam għandha tieħu l-ewwel premju", u fil-fatt hekk sar għax l-għada, it-12 ta' Diċembru il-Banda L'Isle Adam ġiet iddikjarata l-Ewwel Banda tar-Repubblika ta' Malta.

Din kienet paġna storika mhux biss għar-Rabat iżda għall Malta kollha. Ġie deċiż ukoll li din id-data tibqa' tiġi mfakkra kull sena permezz ta' ikla li tingħata lill-banda u bir-raġun, għax is-sehem li l bandisti taw biex jinkiseb dan is-suċċess huwa xi ħaġa li m'għandhiex tintesa. Dan għalija kien l-ewwel avveniment kbir li kelli mal-Banda L'Isle Adam. avveniment li l-banda żgur li qatt ma kellha bħalu u żgur li qatt ma jintesa għax din hija paġna glorjuża fl-istorja ta' din il-banda.

L-1985 kienet sena oħra li fiha il-Banda L'Isle Adam kellha biex titpaxxa. F'din is-sena ġie mfakkar il-125 anniversarju mit-twaqqif uffiċjali ta' din il-

Banda. L-ewwel impenn li l-banda kellha f'din is-sena, kien il-Programm Sagru li wettqet fil-Kattidral ta' l-Imdina fit-2 t'April. Kien unur għall-banda li kellha tkun l-ewwel banda f'Malta li qatt daqqet f'dan il-Kattidral.

21 ta' Ġunju "Jum Ewropew tal-Mużika". F'dan il-jum il-banda għamlet Programm Vokali w Strumentali fil-pjazza tal-Kattidral ta' l-Imdina li kien taħt il-patroċinju tal-Ministru tal-Kultura. Din kienet l-ewwel darba li l-banda għamlet dan il-programm kolossali f'din il-pjazza grandjuża tal-Katidral fl-Imdina. Disgħat ijiem wara, 30 ta' Ġunju, il-banda għamlet programm ieħor. Dan kien il-programm tradizzjonali ta' l-Imnarja fuq is-Saqqajja, programm indaqq bi preċiżjoni kbira. Dan il-programm nistgħa ngħid li kien l-aħħar programm sħiħ tiegħi mal-Banda L'Isle Adam għax fis-27 ta' Settembru dħalt l-Isptar St. Lukes.

Kif igħidu l-Ingliżi "The show must go on" u f'din is-sena l-banda kompliet b'attivitajiet oħrajn u biex żgur tagħlaq is-sena fuq nota tajba, il-banda ħarġet bl-unuri kollha fil-programm li għamlet fil-15 ta' Diċembru fit-Teatru Manoel fejn reġgħet ħarġet rebbieħa fil-Festival tal-Baned Maltin. Din id-darba kienet taħt it-tmexxija għaqlija tas-Surmast Joe Galea li f'dak iż-żmien kien Asst. Surmast tal-Banda.

Dawn kienu xi ftit mill-punti prinċipali li għaddejt minnhom f'dawn it-tmien snin li għamilt bħala Surmast/Direttur tal-Banda L'Isle Adam. Kienu tmien snin li fihom ħassejtni onorat li kont Surmast/Direttur ta' din il-Banda. Nispiċċa billi nirringrazzja lill-bandisti kollha li bil-ħeġġa tagħhom dejjem stajt immexxi l-banda għall-unuri li akkwistajna tul dan iż-żmien; lis-Surmast Joe Galea li bħala Asst. Surmast u delegat tal-banda dejjem sibtu ta' għajnuna kbira; nirringrazzja lill-Kumitat ta' din l-Għaqda li għoġobhom jaħtruni Surmast Onorarju. Fl-aħħar nawgura lis-Surmast Joe Galea futur sabiħ mal-Banda L'Isle Adam.

**PHILIP GATT**



1985 — L-aħħar itratt li s-Surmast Philip Gatt ħa mal Banda L'Isle Adam.